Nru. 17,888
Prezz Lm1.44ċ
Price Lm1.44c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 3 ta' Marzu, 2006
Friday, 3rd March, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 186

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-3 ta' Marzu, 2006
(File No. LA 29/57)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni ta' l-4 ta' Diċembru 1957 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tas-16 ta' Diċembru 1957, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 781, l-Uffiċjal li qiegħed jamministra l-Gvern kien iddikjara illi l-biċċa art f'Marsaxlokk tal-kejl ta' 4 sigħan li tmiss min-Nofsinhar il-Lbiċ ma' proprjetà ta' John Mifsud, mil-Lvant in parti ma' proprjetà ta' Spiru Grech u in parti ma' proprjetà ta' Maria Falzon u mill-Grigal u minn Grieg il-Lvant ma' proprjetà tal-Wisq Nobbli Konti Professur Sir Luigi Preziosi, M.D. u oħrajn, hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi parti minn din l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Marsaxlokk:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 407-il metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral u min-Nofsinhar ma' proprjetà tas-Sur Amabile Tabone u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Miriam Grech u oħrajn.

GOVERNMENT NOTICES

No. 186

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

3rd March, 2006

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the 4th December 1957, published in the Government Gazette of the 16th December 1957, under Government Notice No. 781, the Official administering the Government had declared that a plot of land at Marsaxlokk of the area of 4 sigħan bounded on the South South West by property of John Mifsud, on the East oartly by property of Spiru Grech and partly by property of Maria Falzon and on the North East and the East North East by property of the Most Noble Count Professor Sir Luigi Preziosi, M.D. and others, to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas part of this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsaxlokk:

1. A plot of land of the area of about 407 square metres, bounded on the North West and the South by property of Mr Amabile Tabone and on the East by property of Mrs Miriam Grech and others.

L-art hawn fuq imsemmija tidher murija bil-kulur aħmar u mmarkata bħala *plot* Nru. 3A fuq pjanta P.D. 153_86_4, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

Is-27 ta' Frar, 2006

The abovementioned land is shown marked in colour red and marked as plot No. 3A on plan P.D. 153_86_4, which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

27th February, 2006

Nru. 187

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-3 ta' Marzu, 2006
(File No. L52/80)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-22 ta' Awissu 1980, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 463, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar ħekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fix-Xgħajra, limiti taż-Żabbar:

Biċċa art tal-kejl ta' 2,330 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' proprjetà tal-Gvern, mil-Lbiċ ma' triq pubblika u mil-Lvant ma' proprjetà tas-Sinjura Maria G. Philips u oħrajn.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta L.D. 71/80, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

Is-27 ta' Frar, 2006

No. 187

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

3rd March, 2006

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 22nd August 1980 under Notice No. 463, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Xgħajra, limits of Żabbar:

A plot of land of the area of 2,330 square metres, bounded on the North by Government property, on the South West by a public road and on the East by property of Mrs Maria G. Philips and others.

The abovementioned land is shown marked in colour red on plan L.D. 71/80 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

27th February, 2006

Nru. 188

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

It-3 ta' Marzu, 2006
(File No. L274/98)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta tat-22 ta' Settembru 2000, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-3 ta' Ottubru 2000, taħt in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 782, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja f'Marsaskala:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 4,025 metru kwadru, li tmiss mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' G. Mizzi, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' T. Bonello u mill-Grigal ma' triq pubblika.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur aħmar fuq pjanta L.D. 116/98, li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GEORGE HYZLER
A/President

Is-27 ta' Frar, 2006

No. 188

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

3rd March, 2006

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by Declaration of the President of Malta of the 22nd September 2000, published in the Government Gazette of the 3rd October 2000 under Government Notice No. 782, the President of Malta had declared the undermentioned land to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Cap. 88) and whereas this land is no longer required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Marsaskala:

1. A plot of land of the area of about 4,025 square metres, bounded on the South West by property of G. Mizzi, on the South East by property of T. Bonello and on the North East by a public road.

The abovementioned land is shown marked in colour red on plan L.D. 116/98 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GEORGE HYZLER
A/President

27th February, 2006

Nru. 189

KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA

NGĦARRFU illi skond l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291), il-Prim Ministru approva l-ħatra bħala Kummissarju għall-Ġustizzja għall-perjodu ta' sentejn b'seħħ mill-15 ta' Frar 2006 ta' Avv. Roberta Fenech Gauci, LL.D.

It-3 ta' Marzu, 2006
(MJ/5/88/II)
(OPM/141/81)

No. 189

COMMISSIONER FOR JUSTICE

IT is notified that in accordance with the Commissioners for Justice Act (Cap. 291), the Prime Minister has approved the appointment as Commissioner for Justice from 15th February, 2006 of Dr Roberta Fenech Gauci, LL.D.

3rd March, 2006

Nru. 190

KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (ATT XV TA' L-2001)

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Prim Ministru, skond id-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċali (Att XV ta' l-2001), approva illi s-Sur Alfred Camilleri jinħatar fil-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali mill-20 ta' Marzu sat-28 ta' Settembru 2006.

It-3 ta' Marzu, 2006
OPM/181/2001/III

No. 190

MALTA COUNCIL FOR ECONOMIC AND SOCIAL DEVELOPMENT (ACT XV OF 2001)

IT is hereby notified for general information that the Prime Minister, in accordance with the provisions of Section 4 of the Malta Council for Economic and Social Development (Act XV of 2001), has approved that Mr Alfred Camilleri be appointed on the Malta Council for Economic and Social Development from 20th March to 28th September 2006.

3rd March, 2006

Nru. 191

'WARRANT' MILL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

NGĦARRFU illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b'setgħa li jaqtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern ħatar bħala Kummissjunarji bis-setgħa li jaqtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

Kamra tal-Prokuraturi Legali
Is-Sur Emanuel A. Bianco, B.A. (Phil.), L.P.
*Ms Helen Valenzia, L.P.

*Ms Hilda Valenzia, L.P. kif tidher fin-Notifikazzjoni Nru. 93 tas-27 ta' Jannar 2006 hija b'din imħassra

Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin
Is-Sur Daniel Bonello

Pulizija
Spettur Alexander Miruzzi
Ms Carmen Parnis WPC 151
Is-Sur Joseph Galea PC 1477
Ms Mary Grace Bianco WPC 60
Ms Gina Schembri WPC 114

B'Awtorità

TONIO BORG
Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern

It-3 ta' Marzu, 2006
(MJHA/144/2003/IV)

No. 191

WARRANT BY THE DEPUTY PRIME MINISTER AND MINISTER FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Section (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Home Affairs appointed as Commissioner for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

Chamber of Legal Procurators
Mr Emanuel A. Bianco, B.A. (Phil.), L.P.
*Ms Helen Valenzia, L.P.

*Ms Hilda Valenzia, L.P. as appearing in Notice No. 93 of 27th January 2006 is deleted

Ministry of Foreign Affairs
Mr Daniel Bonello

Police
Inspector Alexander Miruzzi
Ms Carmen Parnis WPC 151
Mr Joseph Galea PC 1477
Ms Mary Grace Bianco WPC 60
Ms Gina Schembri WPC 114

By Authority

TONIO BORG
Deputy Prime Minister and Minister for Justice and Home Affairs

3rd March, 2006

Nru. 192

ĦATRA TA' AĠENT SEGRETARJU, KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

IS-SEGRETARJU Permanenti, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 192

APPOINTMENT OF ACTING SECRETARY, PUBLIC SERVICE COMMISSION

THE Permanent Secretary, in the Office of the Prime Minister, has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Ms Margaret Falzon	Segretarju *Secretary*	Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku *Public Service Commission*	06–27.03.2006

It-3 ta' Marzu, 2006

3rd March, 2006

Nru. 193

ATT DWAR TFAL U ŻGĦAŻAGĦ (ORDNIJIET GĦALL-ĦARSIEN) (KAP. 285)

Ħatra tal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11 ta' l-Att dwar Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) (Kap. 285), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali approvat il-ħatra tal-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ għall-perijodu mit-18 ta' Frar 2006 sas-17 ta' Frar 2007, kif ġej:-

Chairperson
Ms Jane Azzopardi, S.N., Dip. (Soc. Work)

Viċi Chairperson
Ms Carmen Zammit, Dip. Soc. Work, P.G.Cert.S.W. (Mgmt.&Sup.)

Membri
Ms Mary Cachia, Dip. Soc. Stud. (Social Work), B.A. (Gen.), B.A. (Hons.)
Is-Sur Stephen Camilleri, B.Ed(Hons.), P.G.Dip. (Sch.Couns.)
Sr Magdalene Cauchi, USAM
Is-Sur John Rolè, C.Q.S.W.
Ms Jennifer Zammit, B.Ed(Hons.), B.A.(Rel.Stud.), M.A. (Durham)

Segretarja
Ms Denise Camilleri, B.Psy.(Hons.)

It-3 ta' Marzu, 2006

No. 193

CHILDREN AND YOUNG PERSONS (CARE ORDERS) ACT (CAP. 285)

Appointment of the Children and Young Persons Advisory Board

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 11 of the Children and Young Persons (Care Orders) Act (Cap. 285), and for the purpose of that Act, the Minister for the Family and Social Solidarity has approved the appointment of the Children and Young Persons Advisory Board, for the period 18th February 2006 to the 17th February 2007, as follows:

Chairperson
Ms Jane Azzopardi, S.N., Dip. (Soc. Work)

Deputy Chairperson
Ms Carmen Zammit, Dip. Soc. Work, P.G.Cert.S.W. (Mgmt.&Sup.)

Members
Ms Mary Cachia, Dip. Soc. Stud. (Social Work), B.A. (Gen.), B.A. (Hons.)
Mr Stephen Camilleri, B.Ed(Hons.), P.G.Dip. (Sch.Couns.)
Sr Magdalene Cauchi, USAM
Mr John Rolè, C.Q.S.W.
Ms Jennifer Zammit, B.Ed(Hons.), B.A.(Rel.Stud.), M.A. (Durham)

Secretary
Ms Denise Camilleri, B.Psy.(Hons.)

3rd March, 2006

Nru. 194

AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI

SKOND l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura ħatar il-membri għal perjodu ta' sena b'seħħ mit-2 ta' Frar 2006.

Chairman
Is-Sur Austin J. Walker, F.C.C.A., F.I.A., C.P.A.A.

Deputat Chairman
Dott. Joseph Cilia, B.ELEC.Eng., M.Sc(Nott.), PhD (Nott.), M.I.E.E.

Membri
Dott. E. Buttigieg, LL.D., L.L.M.(Exon), Ph.D. (Lond.)
Is-Sur Carmel Ellul, Dip. Eng. (Hons.) Mech.
Is-Sur Thomas Galea, Dip. Eng. M.Sc. (Soton)
Is-Sur Louis Padovani, F.I.A., C.P.A.A.
Ms Marthese Vella, B.Elec.Eng. (Hons), M.Sc. (Lanc.)

Segretarju
Is-Sur John Bonello, B.A. (Law), Dip. N.P.

It-3 ta' Marzu, 2006

No. 194

MALTA RESOURCES AUTHORITY

IN terms of section 3 of the Malta Resources Authority Act 2000, the Minister for Resources and Infrastructure has appointed the members of the Malta Resources Authority. The appointments are for a period of one year with effect from 2nd February 2006.

Chairman
Mr Austin J. Walker, F.C.C.A., F.I.A., C.P.A.A.

Deputy Chairman
Dr Joseph Cilia, B.ELEC.Eng., M.Sc(Nott.), PhD (Nott.), M.I.E.E.

Members
Dr E. Buttigieg, LL.D., L.L.M.(Exon), Ph.D. (Lond.)
Mr Carmel Ellul, Dip. Eng. (Hons.) Mech.
Mr Thomas Galea, Dip. Eng. M.Sc. (Soton)
Mr Louis Padovani, F.I.A., C.P.A.A.
Ms Marthese Vella, B.Elec.Eng. (Hons), M.Sc. (Lanc.)

Secretary
Mr John Bonello, B.A. (Law), Dip. N.P.

3rd March, 2006

Nru. 195

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Elisa Falzon, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Pierre Attard, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-25 ta' Frar, 2006 sas-6 ta' Marzu, 2006.

Carmen Aquilina
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-28 ta' Frar, 2006

No. 195

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Elisa Falzon, B.A., LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Pierre Attard, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 25th February, 2006 till the 6th March, 2006.

Carmen Aquilina
F/Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

28th February, 2006

Nru. 196

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA*
(Kap. 398)

B'DIN qed navża li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia*:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
96	Myrtle Court Triq J Borg Guardamangia Pietà	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/02/2006

Dott. Stephanie Pappalardo
Reġistratur ta' l-Artijiet

It-3 ta' Marzu, 2006

No. 196

CONDOMINIUM ACT
(Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Nru. tal-*Condominium* *Condominium Number*	Indirizz tal-*Condominium* *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
96	Myrtle Court Triq J Borg Guardamangia Pietà	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	28/02/2006

Dr Stephanie Pappalardo
Land Registrar

3rd March, 2006

Nru. 197

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 02. 06	Lm6.42c5	12c2
27. 02. 06	Lm6.58c1	12c4
28. 02. 06	Lm6.53c0	12c4
01. 03. 06	Lm6.53c6	12c4
02. 03. 06	Lm6.59c7	12c5

It-3 ta' Marzu, 2006

No. 197

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
24. 02. 06	Lm6.42c5	12c2
27. 02. 06	Lm6.58c1	12c4
28. 02. 06	Lm6.53c0	12c4
01. 03. 06	Lm6.53c6	12c4
02. 03. 06	Lm6.59c7	12c5

3rd March, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 10

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Marzu 2006, nhar il-Erbgħa il-15 ta' Marzu 2006, nhar il-Ħamis is-16 ta' Marzu 2006, nhar il-Ġimgħa is-17 ta' Marzu 2006, nhar is-Sibt it-18 ta' Marzu 2006 u nhar il-Ħadd id-19 ta' Marzu 2006, bejn it-7.45 a.m. u t-8.15 a.m., bejn in-11.45 a.m. u l-12.15 p.m. u bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa.

Nhar il-Ħadd, it-12 ta' Marzu 2006, bejn is-7.30 a.m. u l-10.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar il-Ħamis, is-16 ta' Marzu 2006, bejn is-6.30 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Vitorja, il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar il-Ġimgħa, is-17 ta' Marzu 2006, bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, Bir Iljun, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam u San Ġużepp.

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Marzu 2006, u nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn is-7.30 a.m. u n-12.15 p.m. u bejn is-6.30 p.m. u l-10.30 p.m. mill-*Bypass* ta' l-Imtarfa

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Marzu 2006, bejn il-5.00 p.m. u n-11.45 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira u San Pawl.

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn is-7.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl, Vjal Santu Wistin u Pjazza l'Isle Adam.

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn il-11.00 a.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Pawl, il-Patrijiet, Bir Iljun, San Martin, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, San Ġużepp, il-Kbira, Saqqajja (minn Bank of Valletta sal-Café di Rio) u Pjazza l'Isle Adam.

POLICE NOTICE

No. 10

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Saturday 11th March 2006, on Wednesday 15th March 2006, on Thursday 16th March 2006, on Friday 17th March 2006, on Saturday 18th March 2006 and on Sunday 19th March 2006, between 7.45 a.m. and 8.15 a.m., between 11.45 a.m. and 12.15 p.m. and between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Sunday, 12th March 2006, between 7.30 a.m. and 10.30 a.m. through the following streets: Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Thursday, 16th March 2006, between 6.30 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Vitorja, il-Kbira, ir-Repubblika, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Friday, 17th March 2006, between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through the following streets: San Pawl, Bir Iljun, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, Pjazza l'Isle Adam and San Ġużepp.

On Saturday, 18th March 2006, and on Sunday, 19th March 2006 between 7.30 a.m. and 12.15 p.m. and between 6.30 p.m. and 10.30 p.m. through the Mtarfa Bypass.

On Saturday, 18th March 2006, between 5.00 p.m. and 11.45 p.m. through the following streets: San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam, Santu Wistin, ir-Repubblika, il-Kbira and San Pawl.

On Sunday, 19th March 2006, between 7.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Santu Wistin, San Ġużepp, San Pawl, Vjal Santu Wistin and Pjazza l'Isle Adam.

On Sunday, 19th March 2006, between 11.00 a.m. and 11.00 p.m. through the following streets: San Pawl, il-Patrijiet, Bir Iljun, San Martin, Doni l-Qadima, Doni, San Bartilmew, Zondadari, Santu Wistin, San Ġużepp, il-Kbira, Saqqajja (from Bank of Valletta to Café di Rio) and Pjazza l'Isle Adam.

L-Imdina

Nhar is-Sibt, il-11 ta' Marzu 2006, nhar il-Erbgħa il-15 ta' Marzu 2006, nhar il-Ħamis is-16 ta' Marzu 2006, nhar il-Ġimgħa is-17 ta' Marzu 2006, nhar is-Sibt it-18 ta' Marzu 2006 u nhar il-Ħadd id-19 ta' Marzu 2006, bejn is-7.00 p.m. u d-9.00 p.m. minn Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Marzu 2006, bejn is-7.30 a.m. u t-8.30 a.m. u bejn is-6.00 p.m. u l-11.30 p.m. minn Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Nhar is-Sibt, it-18 ta' Marzu 2006, bejn is-2.00 p.m. u n-0.30 a.m. minn Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn is-7.30 a.m. u d-9.30 a.m. mit-toroq li ġejjin: Villegaignon, Pjazza San Pawl u Pjazza San Publju.

Nhar il-Ħadd, id-19 ta' Marzu 2006, bejn is-6.30 p.m. u l-10.00 p.m. minn Triq l-Għarreqin (il-Foss).

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Marzu, 2006

Mdina

On Saturday 11th March 2006, on Wednesday 15th March 2006, on Thursday 16th March 2006, on Friday 17th March 2006, on Saturday 18th March 2006 and on Sunday 19th March 2006, between 7.00 p.m. and 9.00 p.m. through Triq l-Għarreqin (the ditch).

On Saturday, 18th March 2006 between 7.30 a.m. and 8.30 a.m. and between 6.00 p.m. and 11.30 p.m. through Triq l-Għarreqin (the ditch).

On Saturday, 18th March 2006 between 2.00 p.m. and 0.30 a.m. through Wesgħa tal-Mużew (Għalqa ta' Kola).

On Sunday, 19th March 2006 between 7.30 a.m. and 9.30 a.m. through the following streets: Villegaignon, Pjazza San Pawl and Pjazza San Publju.

On Sunday, 19th March 2006 between 6.30 p.m. and 10.00 p.m. through Triq l-Għarreqin (the ditch).

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

3rd March, 2006

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 11

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar is-Sibt, l-4 ta' Marzu 2006, mis-6.00 a.m. 'il quddiem mill-Ferry ix-Xatt.

Nhar il-Ħadd, il-5 ta' Marzu 2006 mis-6.00 a.m. 'il quddiem minn Triq it-Torri minn Magic Kiosk sa *showroom* ta' Joinwell u Pjazza Sant'Anna minn Magic Kiosk sal-Lancia Restaurant.

Il-pubbliku huwa mgħarraf illi vetturi pparkjati fil-postijiet msemmija hawn fuq jiġu rmunkati. Il-pubbliku għandu jobdi l-istruzzjonijiet li jingħataw u l-iskema tat-traffiku li tkun fis-seħħ matul l-imsemmija data u ħin.

POLICE NOTICE

No. 11

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Sliema

On Saturday, 4th March 2006, from 6.00 a.m. onwards through the Ferry the Strand.

On Sunday, 5th March 2006, from 6.00 a.m. onwards through Triq it-Torri from Magic Kiosk up to Joinwell showroom and St Anne Square from Magic Kiosk to Il-Lancia Restaurant.

The general public is being notified that parking of vehicles in the parking places mentioned above will be towed away. The public is to follow directions given and new traffic scheme in operation during the said date and time.

It-trasport pubbliku jiġi affettwat.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Marzu, 2006

Public transport will be affected.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

3rd March, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet hi responsabbli għall-Koordinament tal-fondi ta' Tranżizzjoni, kif ukoll mill-ipprogrammar u l-koordinament tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni ta' l-UE, il-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fond ta' l-Area Ekonomika Ewropea, il-Fond Norveġiż, il-Fond Svizzeru u għajnuna marbuta mas-sħubija fl-Unjoni Ewropea mogħtija lil Malta fuq bażi bilaterali.

2. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet), liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla mill-massimu ta' Skala 7, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Programme Manager* (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) u tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha. Barra minn hekk, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, hi titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt li jkun effettiv dak iż-żmien, iżda mbagħad ma tiġix offruta tiġdid tal-kuntratt.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Programme Manager (Planning and Priorities Coordination Division) in the Office of the Prime Minister

The Public Service Commission invites applications for the position of Programme Manager (Planning and Priorities Coordination Division) in the Office of the Prime Minister. The Planning and Priorities Coordination Division is responsible for the coordination of the EU Transition Facility funds and also for the programming and coordination of the EU Structural and Cohesion Funds, the EU Solidarity Fund, the EEA, Norway and Swiss funds and other EU accession related bilateral assistance.

2. The selected candidates will be expected to enter into a three-year performance contract as Programme Manager (Planning and Priorities Coordination Division) in the Office of the Prime Minister, which may be renewed thereafter for further periods. Unsatisfactory performance as Programme Manager during the contract period will lead to termination of contract.

3. If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, his/her service with the Planning and Priorities Coordination Division as well as with the Maltese Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

4. If the selected candidate is a Public Officer and, during the contract period, is appointed to a grade with a salary scale higher than the maximum of Salary Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Programme Manager (Planning and Priorities Coordination Division) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. Moreover, if the substantive basic salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 of the Malta Public Service through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force at the time, but he/she will not be offered subsequent renewal of the contract.

5. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (bħalissa Lm8,081). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *allowance* mhux pensjonabbli.

6. Jista' jitħallas *performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju. Ir-rata attwali tiġi stabbilita skond id-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

7. *Programme Manager* li jkun responsabbli lejn membri oħra anzjani tal-grupp li jkun jagħmel parti minnu jkun meħtieġ li:

(a) imexxi, tissorvelja u jikkoordina proġetti ko-finanzjati mid-diversi Fondi Komunitarji jew skond Ftehim Bilaterali;
(b) jagħmel spezzjonijiet fuq il-post ta' proġetti li jkunu fi stadju ta' twettiq;
(ċ) jipparteċipa f'kumitati ta' tmexxija ta' proġetti, f'kumitati ta' għażla ta' proġetti u f'kumitati ta' evalwazzjoni ta' proġetti;
(d) jikkoordina mal-Benefiċjarji Finali/Aġenziji Implimentattivi, mal-Korpi Intermedjarji, u/jew mal-Kumitat dwar Proġetti Reġjonali (Għawdex) kif meħtieġ;
(e) jikkoordina man-*National Authorising Officer*/*Paying Authority*, mad-Dipartiment tal-Kuntratti u mat-Teżor dwar kwistjonijiet relatati ma' l-implimentazzjoni ta' proġetti;
(f) jieħu sehem f'Kumitati ta' Sorveljanza;
(g) jaqdi dmirijiet relatati ma' programmi ta' pubbliċità;
(h) jaqdi dmirijiet relatati ma' materji ta' politika u ta' ġbir ta' informazzjoni;
(i) jipparteċipa f'xogħol ta' riċerka;
(j) ikun involut fit-tħejjija ta' rapporti (rapporti dwar sorveljanza), verifikazzjoni ta' nfiq u dokumenti oħra kif meħtieġ;
(k) jipparteċipa f'konferenzi u laqgħat kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jekk dawn jaqgħu fil-qasam ta' kompetenza tiegħu;
(l) jaqdi dmirijiet amministrattivi.

Aktar informazzjoni dwar din il-pożizzjoni tista' tinkiseb mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta.

8. L-applikanti għandhom:

(a) (i) ikunu ċittadini Maltin; jew

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom

5. The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (currently Lm8,081). In the case that the selected applicant is a Public Officer, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

6. A performance bonus of up to 10% of the salary may be payable. The actual rate will be established at the discretion of the Director General, Planning and Priorities Coordination Division.

7. A Programme Manager who will report to other senior members of the team will be required to:

(a) manage, monitor and coordinate projects under the different Community/Bilateral Financial Instruments;
(b) carry out on-the-spot checks with respect to ongoing projects;
(c) participate in project steering, project selection and project evaluation committees;

(d) liaise with the Final Beneficiaries/Implementing Agencies, Intermediate Bodies, and/or with the Regional Projects Committee (Gozo) as required;
(e) liaise with the National Authorising Officer/Paying Authority, the Department of Contracts and the Treasury on issues relating to the implementation of projects;
(f) participate in the relevant Monitoring Committees;
(g) oversee the implementation of publicity programmes;
(h) perform duties related to policy matters and the compilation of data;
(i) participate in research work;
(j) be involved in the drawing up of reports (monitoring reports), verification of expenditure and other documents as may be required;
(k) participate in conferences or meetings, local or abroad, if such conference or meeting falls within the officer's activities;
(l) carry out administrative duties.

Further details of the job description of the position may be obtained from the Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta.

8. Applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the

japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-UE għandu jiġi kkonsultat l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin); jew

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(c) ikollhom *post-graduate degree* fil-*European studies* jew fil-*Management studies* jew fil-*Business studies* jew fil-Komunikazzjonijiet jew fl-Istudji Legali jew f'suġett relatat, jew li għandhom l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għall-għoti ta' *post-graduate degree* f'wieħed minn dawn is-suġġetti, u sena esperjenza ta' xogħol rilevanti; jew

ikollhom *first degree* fil-*European studies* jew fil-*Management studies* jew fil-*Business studies* jew fil-Komunikazzjonijiet jew fl-Istudji Legali jew f'suġett relatat, jew li għandhom l-approvazzjoni ta' l-Università li kkwalifikaw għall-għoti ta' *first degree* f' wieħed minn dawn is-suġġetti, u tliet snin esperjenza ta' xogħol rilevanti;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola tas-*Service and Leave Record* (GP 47); applikanti oħra għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji).

9.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għal din il-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

9.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD.

countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages;

(c) in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of, a post-graduate degree in European studies or Management studies or Business studies or Communications or Legal studies or in a related area, plus one year relevant work experience; or

in possession of, or have been approved by a recognised University for the award of, a first degree in European studies or Management studies or Business studies or Communications or Legal studies or in a related area, plus three years relevant work experience;

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

9.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

9.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should

Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbilità u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċ jali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu esebiti fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Uffiċċju tal-Prim Ministru.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jista' jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Petizzjonijiet dwar oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

12. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex ikun żgurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

13. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li mhumiex Uffiċjali Pubbliċi jew kif hemm stipulat fil-kuntratt li japplika għal dawk li huma Uffiċjali Pubbliċi (skond kif applikabbli), liema kuntratti jidhru f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Mangement Code*. li jinsab fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz: http://www.mpo.gov.mt

14. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi korsijiet f'Malta jew barra minn Malta skond kif meħtieġ mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

15. Il-persuna magħżula li ssiefer biex tagħmel il-korsijiet, tintrabat bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Malta Public Service Management Code*.

16. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u

be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Office of the Prime Minister.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the result.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

12. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

13. On engagement, the selected applicants will be bound by the terms and conditions stipulated in the contracts for non-public/public officers, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the website of the Management and Personnel Office at address: http://www.mpo.gov.mt

14. The selected applicant may be required to attend courses in Malta or abroad as determined by the Director General, Planning and Priorities Coordination Division.

15. The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

16. Applications together with a *curriculum vitae* indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General (Planning and

Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta CMR 02 sa mhux aktar tard minnofsinhar tal-Ħamis, it-30 ta' Marzu 2006.

17. Formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand id-Direttur Ġeneral, Diviżjoni għall-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta, CMR 02.

18. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar tal-Ħamis, it-30 ta' Marzu 2006, jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom iddettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata millapplikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għaddewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet huwa +356 2200 1050.

19. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet) għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat irċevuta bilposta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur Ġenerali (Diviżjoni għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet).

It-28 ta' Frar, 2006

Priorities Coordination Division), Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta, CMR 02 by not later than noon of Thursday, 30th March 2006.

17. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director General, Planning and Priorities Coordination Division, Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta CMR 02.

18. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon of Thursday, 30th March 2006, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Planning and Priorities Coordination Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Planning and Priorities Coordination Division is +356 2200 1050.

